20 ta' Frar, 1953

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Carmelo Cassar *versus* Dri Antonio Galea, LL.D.

**Gudikat — "Non Bis in Idem" — "Omessa Decisone" — Sentenza — Board tal-Kera — Appell — Nullità — Art. 233, 95, u 731 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-proċedura ta' reklam "ab omessa decisione" tirriferixxi għall-każijiet li titħalla barra fis-sentenza xi waħda mit-talbiet proposti; u għalhekk mhix applikabili meta t-tribunal jommetti li jiddeċidi b'kap separat l-eċċezzjoni ta' "non bis in idem", għax dik hija eċċezzjoni, u mhux talba.*

*Konsegwentement, jekk il-Board tal-Kera jommetti li jiddeċidi b'kap separat, kif kien imissu għamel, l-eċċezzjoni tan-"non bis in idem", u mbagħad, fuq talba ta' waħda mill-partijiet, jirriappunta l-kawża għa deċiża u jiddeċidi dik l-eċċezzjoni, il-proċedura tiegħu tkun kontra l-liġi, u s-sentenza mogħtija fuq dik il-proċedura hija nulla.*

*Jekk imbagħad dik is-sentenza tiġi appellata, anki l-appell huwa null; għax is-sentenza supposta appellata hija nulla.*

Il-Qorti — Wara li rat ir-rikors tas-17 ta' Novembru 1952, ta' l-imsemmi Dr. Galea, preżentat quddiem il-Board tal-Kera, fejn issottometta li l-Board ommetta li jiddeċidi l-eċċezzjoni tar-"res judicata" minnu sollevata fit-trattazzjoni tar-rikors numru 933/1952, deċiż mill-Board fid-9 ta' Settembru 1952; u talab li tiġi deċiża dik l-eċċezzjoni formalment;

Wara li rat id-digriet tal-Board, tal-21 ta' Novembru 1952, fejn dik it-talba ġiet miċħuda;

Wara li rat ir-rikors l-ieħor ta' Dr. Galea tas-27 ta' Novembru 1952, u d-digriet tal-Board tat-28 ta' Novembru 1952, li bih ġie revokat "contrario imperio" l-imsemmi digriet tal-21 ta' Novembru 1952, u r-rikors tas-17 ta' Novembru 1952 ġie mqiegħed fuq il-lista biex jiġi trattat u deċiż;

Wara li rat is-sentenza tal-Board tal-10 ta' Diċembru 1952, li biha l-Board ċaħad l-eċċezzjoni tar-"res judicata" mogħtija mill-intimat, bl-ispejjeż kontra tiegħu; wara li kkunsidra;

Illi kien veru li fis-sentenza tad-29 ta' Settembru 1952 l-eċċezzjoni tar-"res judicata" ma kienetx ġiet deċiża formalment b'kap separat, avvolja fl-espożitiv tas-sentenza kienet ġiet kunsidrata bħala infondata;

Illi r-raġunijiet għaliex ma hix sostenibili l-eċċezzjoni tar-"res judicata" huma kontenuti fis-sentenza tad-29 ta' Settembru 1952, u allura ma hemmx bżonn ta' motivazzjoni oħra. Jista' biss jingħad li fil-kawżi ta' żgumbrament, li jridu jkunu deċiżi fuq il-grad tal-"hardship" tal-partijiet rispettivament, kemm kemm jista' jkun hemm "res judicata", għax kwalunkwe ċirkustanza, anki l-iżjed żgħira, tista' tinfluwixxi fuq il-kriterju li jifforma l-ġudikant biex jasal għall-valutazzjoni tal-grad ta' dak il-"hardship" rispettiv;

Rat fol. 37 ir-rikors li bih l-imsemmi Dr. Galea appella mid-deċiżjoni tal-Board fuq imsemmija, tal-10 ta' Diċembru 1952, u talab ir-revoka tagħha, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi, kif jidher mid-deċiżjoni appellata, il-Board, wara li kien ġà ta d-deċiżjoni tad-29 ta' Settembru 1952, bla ma qata' formalment b'kap separat l-eċċezzjoni tar-"res judicata" sollevata f'dik il-kawża, irriappunta l-proċess u ta deċiżjoni oħra fuq ir-"res judicata", u rrespinġa l-eċċezzjoni relativa. Din hija d-deċiżjoni issa appellata;

Illi, skond l-art. 233 Kap. 15, il-proċedura ta' reklam "ab omissa decisione" tirriferixxi għall-każ li titħalla barra xi waħda "mit-talbiet proposti". L-eċċezzjoni tan-"non bis in idem" m'hijiex talba;

Illi għalhekk, meta l-Board irriappunta l-proċess u ta d-deċiżjoni issa appellata, il-proċedura tiegħu kienet kontra l-liġi, u għal dak li kien jirrigwarda l-kawża l-Board kien "functo officio". Għaldaqstant, peress li dak li jsir in bażi ta' nullità hu anki null (art. 95 Kap. 15), is-sentenza appellata hija nulla;

Illi, għad li hu veru li fis-sentenza tad-29 ta' Settembru 1952 il-Board kien imissu qata' l-eċċezzjoni tar-"res judicata" b'kap separat (art. 731), din l-ommissjoni setgħet, se maj, iġġib għal konsegwenzi oħra, imma ma setgħet qatt tawtorizza

li tigi adottata l-proċedura ta' l-art. 233 fuq imsemmi, għarraġuni fuq indikata;

L-appellant irrikjama l-attenzjoni tal-Qorti għaż-żewġ sentenzi li hemm fil-Kollezzjoni, Vol. XVI—I—111, u Vol. XXIX—III—348. Iżda l-Qorti, kif kostitwita, ma jidhrilhiex li għandha ssegwi dawn is-sentenzi; għaliex (a) it-termini ta' l-art. 233 fuq imsemmi huma wisq ċari biex ikunu trasandati, u (b) għax ir-rimedju, méta eċċezzjoni ma tiġix deċiża b'kap separat jew flimkien mas-sentenza (art. 791 Kap. 15), hu dak in bażi għall-art. 792 (c) ibid., kif turi s-sentenza ta' dil-Qorti "Cassar ne. vs. Cachia" 12 ta' Diċembru 1931, (Kollez. Vol. XXVII—I—663);

Kwantu għall-ispejjeż;

Kien l-appellant li bir-rikorsi tiegħu lill-Board tas-17 u tas-27 ta' Novembru 1952 ipprovoka l-proċedura erronea fuq imsemmija;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiddikjara li ma hemmx lok għal ebda appell; għax id-deċiżjoni suppost appellata hija nulla; u għalhekk, in kwantu hemm bżonn, tiddikjara l-istess appell irritu u null, bl-ispejjeż kontra l-appellant.